# Il-Ħarsa ta’ Rużann

Francis Ebejer

**Dr. Marco Galea**

# Min kien Francis Ebejer?

- Twieled fl-1925 f'Ħad-Dingli.
- Ommu u missieru kienu t-tnejn għalliema.
- Għex, minbarra f'Ħad-Dingli, fl-inħawi tar-Rabat, fl-Imdina, u fl-inħawi ta' San Ġiljan, minbarra perjodi barra minn Malta.
- Wara li beda l-kors tal-mediċina, ħadem bħala interpretu, u mbagħad qabad il-karriera ta' għalliem.
- Ħadem l-aktar bħala kap ta' skola, imma rtira qabel iż-żmien biex jiddedika ruħu għall-kitba.
- Iżżewweġ Maltija-Ingliża, imma ż-żwieġ tkisser wara ftit, bil-mara tmur tgħix l-Ingilterra maż-żewġ uliedhom.

# Min kien Francis Ebejer?

- It-tifel minn dan iż-żwieġ imut f'inċident tat-traffiku fir-Renju Unit.
- Wara l-falliment taż-żwieġ, Ebejer ikollu relazzjoni ma' żagħżugħa Ingliża u jkollu iben ieħor, Damian, li għen biex iżomm ħajja l-memorja ta' missieru.
- Miet fl-1993 fid-dar tiegħu fis-Swieqi.

# Il-karriera tiegħu

- Bniedem tat-teatru u rumanzier
- Kiteb bosta drammi u ħadem bħala attur u direttur.
- Fost id-drammi li kiteb insibu
  - Vaganzi tas-Sajf
  - Boulevard
  - Menz
  - Il-Ħadd fuq il-Bejt
  - Meta Morna tal-Mellieħa
  - L-Imnarja Żmien il-Qtil
  - Il-Ġaħan ta’ Binġemma

# Il-karriera tiegħu

- Kiteb il-biċċa l-kbira tad-drammi bil-Malti.
- Ittraduċa wħud minnhom għall-Ingliż.
- Kiteb bosta rumanzi bl-Ingliż, uħud ippubblikati fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti.
- *Storja: Il-Ħarsa ta' Rużann* huwa l-aħħar rumanz li ppubblika f'ħajtu u l-uniku wieħed li kiteb bil-Malti.
- Kiteb ukoll novelli, bil-Malti u bl-Ingliż, xi poeżiji u saġġi.

# L-Istruttura tar-Rumanz

- Ir-rumanz jirrakkonta ġrajjiet tul perjodu ta' madwar mija u ħamsin sena.
- Għalhekk, m'hemmx personaġġi li nsegwu tul ir-rumanz kollu.
- Bħala regola, kull kapitlu jirrakkonta l-ġrajja ta' personaġġ li huwa l-iben jew il-bint tal-personaġġ tal-kapitlu ta' qabel.
- Minbarra bl-istruttura ġenealoġika, ir-rumanz jinżamm magħqud permezz tal-preżenza atmosferika tal-karattru tal-bidu, Rużann, għalhekk Il-Ħarsa ta' Rużann.

# In-Narrazzjoni

- Il-bidu tar-rumanz huwa rrakkuntat fl-ewwel persuna, minn fomm Mark-Antonin. Fil-fatt it-taqsima għandha bħala titlu "Mark-Antonin jgħid il-ġrajja tiegħu."
- Din it-taqsima tingħatalna bħala preambolu għal dak li se jiġri wara.
- It-taqsima m'għandhiex numru.
- Għaliex dan il-personaġġ jingħata l-privileġġ li jirrakkonta ġrajjietu waqt li l-personaġġi l-oħra, lanqas Rużann, ma jitħallew?
  - Hija strateġija li turina l-importanza tal-individwu fil-kultura li jien jagħmel parti minnha l-Baruni?
  - Huwa l-prezz li jħallas ir-rakkont biex il-Baruni, għalkemm meħtieġ għall-ġrajja, jitwarrab min-nofs?

# In-Narratur extra-dijeġetiku

- Il-bqija tan-narrazzjoni (minn Kapitlu 1 'il quddiem) hija rrakkuntata fit-tielet persuna. In-narratur qatt ma jikxef l-identità tiegħu, u waqt li juri fejn jinsabu s-simpatiji tiegħu, joqgħod lura milli jagħti valur lid-dinja li qed jirrakkonta b'mod dirett.
- Il-valur lid-dinja jagħtuh il-personaġġi li jabitawha. Għalhekk xi drabi hemm kunflitt bejn il-viżjoni tad-dinja li għandhom il-personaġġi u dik tan-narratur.
- Minbarra li n-narratur huwa barra mill-istorja li jirrakkonta, huwa wkoll barra miż-żmien irrakkuntat. Aktarx li jaf aktar mill-personaġġi għax għandu l-privileġġ tal-għarfien taż-żmien.

# Eżempju (minn Kapitlu 3)

Kien hemm mijiet ta' feruti fuq kull gverta. Bastiment wara l-ieħor. Il-Port il-Kbir miżgħud bihom, u b'laneċ u dgħajjes għaddejjin bejn vapuri u xatt. Tobba u servjenti tal-isptarijiet Maltin u Ingliżi qaqoċċa fuq il-mollijiet tad-Dwana, u aktar 'il bogħod, jilqgħu l-feruti. Pietru ħass l-istonku tiegħu jitqalleb u għamel sforz biex ma jagħtihx xi mejt u jistabat mal-art.

Suldati-vittmi bla wċuħ, oħrajn bla dirgħajn, faxex imxarrbin għasra bid-demm, nofsijiet ta' saqajn b'tentix ta' laħam imdemmi jperper ma' kull skoss tal-istriċer, dirgħajn maħruqin.

It-tnehid u l-għajjat muġugħ telgħu fl-arja sa ma ħabtu mas-saqaf iswed tas-sħab, u xterdu mal-belt kollha.

Kienet ix-xitwa tal-1916.

# Il-Personaġġi

- Il-personaġġi ewlenin f'dan ir-rumanz (minbarra Rużann) huma
  - Karmenu
  - Marija
  - Pietru
  - Ġina
- Minbarra l-idea ċara tal-kontinwità minn ġenerazzjoni għall-oħra, hemm is-sens li permezz ta' żewġ personaġġi rġiel u żewġ personaġġi nisa, ir-rumanz joħloq simetrija bejn in-nisa u l-irġiel. In-narratur jagħmilha ċara li għalih m'hemmx differenzi fil-ħiliet tal-irġiel u tan-nisa (Marija tiddomina d-dinja ta' madwarha l-istess kif jiddominaha Pietru)

# Il-Personaġġi

- Lil hinn mid-differenzi, f'dawn il-personaġġi naraw karatteristiċi komuni li għal Ebejer huma essenzjali biex il-bniedem jimxi 'l quddiem:
- Id-determinazzjoni (kważi ras iebsa)
- Il-bżulija
- Is-sens ta' ġustizzja
- L-imħabba u l-ġenerożità

# L-Istorja

- Ir-rumanz jimxi mal-istorja tal-perjodu kolonjali Ingliż.
- Madankollu, b'eċċezzjonijiet importanti, l-iżvilupp politiku tal-pajjiż mhux trattat direttament.
- Spjegazzjoni għal dan tista' tinstab fir-rakkont tar-reazzjoni għall-attakk tax-Xuxana. L-istat huwa assenti u l-Maltin, speċjalment il-Maltin tal-irħula jridu jfendu għal rashom. (Ara wkoll l-episodju tal-bejgħ tal-art lill-gabillottti).
- L-akbar eċċezzjoni hija fir-rakkont tal-irvellijiet tal-1919.
  - Il-ġrajjiet iseħħu l-Belt (Pietru jinqabad hemm b'kumbinazzjoni)
  - Dan il-mument jittieħed bħala spunt/skuża biex il-kittieb jitfa' f'fomm il-personaġġ manifest dwar l-identità u dwar l-emanċipazzjoni tal-Maltin

# L-Emanċipazzjoni

- L-aktar linja narrattiva ċara li fih ir-rumanz hija dik tal-emanċipazzjoni tal-familja ta' Rużann.
  - L-istorja tal-familja trid tirrifletti l-istorja tal-Maltin bħala poplu.
- Il-punt tat-tluq huwa l-aktar wieħed soċjalment baxx li seta' jaħseb fih Ebejer (naturalment hemm id-dinjità tad-demm nobbli, li iżda jrid jinżamm sigriet) – twelid barra ż-żwieġ għal mara waħidha bi ftit li xejn riżorsi għajr għar-rieda tagħha.
  - Dan il-bidu huwa riżultat ta' għażla konxja.
    - Il-kunjom
    - Iċ-ċaħda tal-kolonizzazzjoni tal-aristokrazija
    - Il-ġustifikazzjoni tal-ġenealoġija materna.

# L-Emanċipazzjoni

- L-emanċipazzjoni sseħħ l-aktar permezz
  - Tax-xogħol
  - Tal-edukazzjoni
  - Tal-ambizzjoni
- Kull ġenerazzjoni tibni fuq ta' qabilha. Kull tragward milħuq iwassal għal xewqa ta' kundizzjoni ogħla, aħjar, sakemm għal Ebejer jintlaħaq il-punt tal-wasla.

# Il-personaġġi u l-emanċipazzjoni

- L-omm
- Il-bidwi
- Il-ħaddiem(a) tal-id
- L-għalliem
- L-artista

# Il-personaġġi u l-emanċipazzjoni

- L-isforz għall-emanċipazzjoni jsir kollu mill-individwu u mill-familja.
  - L-istat huwa assenti minn din in-narrazzjoni.